MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 13/2006

**Mary Zarb**

**vs**

**Emma Azzopardi ezercenti l-kummerc taht l-isem Golden Club Malta, kjamat in kawza Arrigo Group Limited**

**Il-Qorti,**

Fl-10 ta' Awissu, 2006, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal
>
> Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentat fl-14 ta' April 2005 fejn ir-Rikorrenti talbet danni ta' seba' mija u hamsin Lira Maltin (Lm750) rapprezentanti danni subiti meta

marru fuq cruise lejn Miami u meta waslu fl-Istati Uniti sabu urugan li hassar il-vaganza.

L-intimati pprezentaw Risposta ghal din it-talba u attendew ghas-seduti.

Illi wara li sema’ x-xhieda tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema’ x-xhieda ta’ l-intimati li huma rapprezentanti tad-ditti ntimati, u diversi xhieda ohrajn, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

1. Preliminarjament it-Tribunal jichad l-eccezzjoni ta’ karenza ta’ gurisdizzjoni u l-eccezzjoni tal-kompetenza tat-Tribunal fil-konfront ta’ Arrigo Group Ltd. stante li kellhom sehem importanti u kienu huma l-kuntatt ewlieni minn Malta ghad-ditta estera ta’ Carnival Tours kif ukoll minhabba l-fatt li s-socjeta` intimata Golden Club Malta xtrat it-Tours minghandhom. Ir-Rikorrenti kienet ibbukkjat Cruise lejn Miami u mal-wasla taghhom sabu Urugan u ghamlu xi jiem joqghodu f’ xelter b’ kundizzjonijiet mill-aghar u degradanti. Minkejja li komplew il-Cruise dan kien ta’ kwalita nferjuri u ma kienx dak li ghalih ibbukkjaw. Ir-Rikorrenti ddikjarat li l-intimati kienu jafu qabel ma telqu li kien hemm urugan u ghalhekk setghu gew infurmati b’ dak li kien hemm.

2. L-intimati issottomettew li fl-ebda mument ma kienu jafu bl-urugan li kien ser jolqot propju dik iz-zona li fiha kien ser isir il-Cruise u kien mal-wasla taghhom li ndunaw b’ dan l-urugan pero` bhala fatt gie offrut lilha mitt dollaru jew inkella mija u tletin lira Maltin (Lm130) kif ukoll skont ta’ hamsin fil-mija (50%) fuq Cruise iehor liema offerta giet mid-ditta Carnival Cruises.

3. It-Tribunal wara li sema’ d-diversi xhieda kif ukoll it-trattazzjoni kemm verbalment kif ukoll bil-miktub, evalwa d-diversi sottomissjonijiet. Ir-

Rikorrenti kienet xtrat vaganza li kienet tikkonsisti f' zewg Cruises u meta waslet f' Miami kien hemm diga problema ta' l-Urugan li kienet ser tolqot il-post kollu minn fejn kienu ser jghaddu l-ewwel granet tal-vaganza. Minkejja li kien hemm theddida ta' urugan fl-inhawi mhux daqshekk facli li tindika l-post ezatt fejn ser jolqot l-Urugan u ghalhekk it-Tribunal jemmen il-versjoni ta' l-intimati fejn kienu qeghdin jghidu illi ma kienux jafu bl-Urugan li ser jolqot il-post fejn ser ikunu qabel ma telqu minn Malta. Minkejja dan it-Tribunal xorta jhoss li hija responsabilta ta' l-intimat sabiex jaraw illi kienu assigurati li l-vaganza li hadu r-Rikorrenti kien ser jiehdu dak li hallsu ghalih. Jirrizulta illi r-Rikorrenti ma hadux dak li hallsu ghalih u l-istess intimati qed jissottomettu wkoll illi dan kien Act of God u ma kienx fil-kontroll taghhom. It-Tribunal jinnota wkoll it-trawma li ghaddew minnha r-Rikorrenti specjalment meta kienu f' xelter ibatu l-hmieg u l-guh. Jinnota wkoll l-offerta li ghamlu l-intimati. It-Tribunal jinnota wkoll li r-Rikorrenti wara t-trawma marru l-Cruise u ghalhekk jista' jissopponi kemm hadet gost.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal jilqa' t-talba tar-Rikorrenti in parte u jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' mitejn u hamsin Lira Maltin (Lm250) bl-ispejjez kontra l-istess intimat Arrigo Group Ltd u Golden Travel Club Ltd in solidum bejniethom.**”**

Appellat minn din is-sentenza l-intimata Emma Azzopardi. Bl-aggravji kif koncepiti minnha hi tikkontendi illi tezisti vjolazzjoni tal-principju ta' gustizzja naturali *audi alteram partem* in bazi ghal dawn il-kunsiderazzjonijiet:-

(1) Il-konkluzjoni tat-Tribunal ma hi xejn cara dwar min mill-intimati kien qed jigi kkundannat ihallas is-somma kanonizzata in linea ta' danni. Hi wkoll konfuzjonarja in kwantu minn imkien ma hu indikat kif is-socjeta` Golden Travel Club Limited iddahhlet fil-proceduri. Barra minn

hekk jekk it-Tribunal accetta li hi tigi sostitwita mill-imsemmija socjeta` kien messu illiberaha mill-osservanza tal-gudizzju. F’ kull kaz, l-istess Tribnunal lanqas biss iddecieda l-eccezzjoni taghha ta’ nuqqas ta’ relazzjoni guridika u dan ukoll ippregudika l-jeddijiet taghha;

(2) It-Tribunal naqas li jiddistribwixxi kif jixraq iz-zmien allokat ghal-provi u dan gab zbilanc qawwi bejn il-mod kif gew trattati r-rikorrenti u l-mod kif giet trattata hi;

(3) Is-sentenza kienet monka wkoll fis-sustanza taghha in kwantu, fuq il-provi attendibbli, ma kienx hemm lok ghar-responsabilita` ta’ xi hadd fost l-intimati, trattasi ta’ kaz ta’ forza magguri;

Premessi dawn l-aggravji, hi ligi esplicita skond l-Artikolu 22 (2) tal-Kapitolu 378 illi appell lil din il-Qorti “jista’ jsir biss meta t-Tribunal ikun mar kontra d-dettami tal-gustizzja naturali, u dik l-azzjoni tkun ippregudikat b’ mod gravi l-jeddijiet ta’ min jappella”. Fir-rigward, din il-Qorti, f’ sentenzi passati taghha, gja tat indikazzjoni ampja tan-nozzjoni ta’ gustizzja naturali u tal-ksur taghha. Hekk, per ezempju, fis-sentenza taghha in re: “**Joseph Debono -vs- Phonica Systems Ltd**”, 19 ta’ Mejju 2004, issenjalat illi l-principju tal-gustizzja naturali kien komprensiv taz-zewg regoli tradizzjonali “*nemo judex in causa propria*” u “*audi alteram partem*”. Issoktat tippreciza illi “ma’ l-ewwel regola hu allacjat il-principju notorju ta’ l-imparzjalita` u allura tan-necessita` li mhux biss issir gustizzja imma anke li jkun jidher manifest li gustizzja qeghda ssir (ara “**Avv. Dr. Antonio Caruana -vs- Caterina Gerada**”, Qorti Kostituzzjonali, 18 ta’ Ottubru 1968). Fil-kaz tat-tieni regola din solitament tabbraccja kwalsiasi materja ta’ “*fair hearing*” u tal-principju tal-“**equality of arms**” (“**Antonio Sammut -vs- John Bell McCance**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 29 ta’ Mejju 1946). Dan mhux biss pero`. Fi zmenijiet pjuttost recenti gie ulterjorment zviluppat il-principju ta’ l-ghoti tar-raguni ossija tal-motivazzjoni adegwata fid-decizjoni (“**Alfred Sant *nomine* -vs- Kummissarju tat-Taxxi Interni**”, Appell, 4 ta’ Marzu 1992)”;

Ribadit dan, forsi ma jkunx ghal kollox barra minn loku jekk l-Qorti tittanta anke hawn tapprofondixxi din it-tematika, hekk centrali ghall-ammissibilita` ta' l-appell lil din il-Qorti minn decizjonijiet tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi;

Apparti r-regola ta' l-imparzjalita`, li dwar il-ksur taghha ma tqanqal ebda aggravju, huwa pacifiku illi r-regola l-ohra suddetta tinkorpora fiha z-zewg ingredjenti ta' "*efficiency*" u ta' "*fairness*". Ta' l-ewwel hi marbuta mad-dewmien eccessiv fl-amministrazzjoni tal-gusitizzja (ara, b' ezemplari, "**George Xuereb -vs- Registratur tal-Qrati *et***", Qorti Kostituzzjonali, 8 ta' Novembru 2004), li mhux il-kaz hawnhekk. Tat-tieni, u dak li l-aktar jinteressa l-kaz prezenti, hi kodici ta' procedura korretta u ta' "*fair hearing*";

Essenzjalment, fin-natura multiforma taghha din ta' l-ahhar tassumi dawn l-aspetti:-

(1) Id-dover li tinghata lill-partijiet fil-kawza l-opportunita` ragonevoli li jressqu l-provi u jaghmlu s-sottomissjonijet taghhom;

(2) Id-dritt li s-setgha diskrezzjonali, affidata lil kull qorti jew tribunal, tkun ezercitata in relazzjoni ghall-materja ezaminata u ma tkun awtomatikament imxekkla minn ebda prekoncetti jew affetta minn "bias";

(3) Id-dritt li d-decizjoni tkun bazata fuq stharrig probatorju logiku u b' motivazzjoni sobrija li tindika r-ragunijiet ghaliex t-talba jew l-eccezzjonijiet ghaliha jkunu qed jigu milqugha jew michuda. Fi kliem iehor, il-process ghandu jipproduci dik id-decizjoni akkurata li tirrifletti l-verifiki korretti ta' fatt u l-applikazzjoni tal-ligi. Ikollu jinghad bi qbil ma' l-awtur McLaughlin ("**The Roles of Administrative Tribunals and Courts in Maintaining the Rule of Law**", pagna 187), "*only if decisions can be*

*defended rationally with reasons or some imprint of rationality can the Rule of Law survive*";

Jikkonsegwi minn dak premess illi d-decizjoni tista' tkun soggetta b' success ghal revizjoni jekk jinstab illi t-Tribunal ma jkunx ippresta attenzjoni adegwata lill-meriti tal-kaz, jew fejn l-ezercizzju tal-poter diskrezzjonali jkun ghal kollox nieqes minn raguni jew meta l-konkluzjoni ultimament raggunta tirrizulta illogika;

Applikat dan li nghad ghall-kaz in ispecje din il-Qorti tibda biex telimina certi sitwazzjonijiet ta' allegat ksur tal-principju. Ma hemm xejn x' jindika mill-atti li t-Tribunal kien pregudikat favur r-rikorrenti u kontra l-intimati. Lanqas ma jirrizulta mill-verbali tas-seduti li l-appellanti giet b' xi mod prekluza milli tipproduci l-provi kollha li xtaqet iggib ghall-iskrutinju tat-Tribunal. Hekk ukoll ma jirrizultax illi l-appellanti ma nghatatx l-opportunita` li tressaq is-sottomissjonijet taghha. Fil-fatt anke hi, l-istess bhal kontendenti l-ohra, ipprezentat Nota ta' sottomissjonijiet;

Fermi dawn l-osservazzjonijiet, ir-riflessjoni li tohrog minn ezami tas-sentenza appellata hi wahda li turi inkongruwenza kemm procedurali kif ukoll sostantitva. Dan fuq l-istregwa ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet:-

(1) Fl-ewwel lok ma jistax ma jigix denotat illi nonostante li fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2005 intalbet u giet koncessa korrezzjoni debita fl-isem rapprezentativ ta' l-intimata mharrka biex gie jinqara Golden Travel Club Ltd ( C 33107), tali korrezzjoni imbaghad ma sabetx postha fl-okkju tal-kawza u tas-sentenza. Ciononostante, din l-istess socjeta` giet, imbaghad, ikkundannata *in solidum* flimkien mas-socjeta` l-ohra, imsejha fil-proceduri ghall-ispejjez tal-kawza;

(2) Il-kundanna saret *di fronte* ghall-“intimat” li suppost in bazi ghall-korrezzjoni akkordata gie sostitwit bis-socjeta` imsemmija;

(3) Jekk dik il-kundanna kienet intiza fil-konfront ta’ din is-socjeta` jigi li t-Tribunal kien messu affronta l-eccezzjoni tal-karenza ta’ relazzjoni guridika opposta mill-intimata u, anke, in vista tal-korrezzjoni moghtija, illibera lill-intimata kif citata fil-gudizzju;

(4) Il-motivazzjoni tas-sentenza tippekka minn konfuzjoni fir-ragonament taghha. Dan ghaliex filwaqt li donnu t-Tribunal jaccetta l-asserzjoni ta’ l-intimati fejn dawn isostnu li ma setghux jipprevedu li l-uragan kien ser jolqot id-destinazzjoni intiza mir-rikorrenti ghal vakanza taghhom, fl-istess waqt izommhom responsabbli li naqsu milli jadempixxu l-obbligu taghhom ta’ dik il-prestazzjoni li jaraw li r-rikorrenti jigu assigurati l-vakanza li hallsu ghaliha. Tajjeb hawn li wiehed ifakkar dak rilevat minn din il-Qorti, diversament presjeduta, in re: “**Rose Loftus *et* -vs- Ray Mallia (Blye Engineering Co. Ltd)**”, 9 ta’ Lulju 1999, jigifieri, li fl-assenza ta’ rabta logika bejn il-motivazzjoni u d-decizjoni jew fil-kaz li dik l-istess rabta tkun tirrisulta kontradittorja jew non-konsegwenzjali, allura jkun jonqos element essenzjali tad-decizjoni u dan jirrendiha invalida;

(5) Sostantivament, imbaghad, il-lezjoni tal-princpju ta’ gustizzja naturali jista’ jitnissel fejn, ad ezempju bhal f’ dan il-kaz, id-decizjoni timporta kundanna ghal danni inkonsistenti ghal kollox mal-provi akkwiziti, kemm fuq pjan fattwali kif ukoll fuq livell guridiku. Anke minn dan titnissel ir-riflessjoni illi d-decizjoni tippregudika b’ mod serju l-jeddijiet ta’ l-appellanti. Dan qed jigi rilevat in kwantu, fil-fehma tal-Qorti, ma jirrizultax, fil-kumplesss tal-provi, illi l-intimata naqset milli, fl-esekuzzjoni ta’ l-obbligazzjonijiet taghha, tadopera d-diligenza tal-missier tajjeb tal-familja li jippreciza l-Artikolu 1132 tal-Kodici Civili. Pjuttost, il-Qorti tara li kien hemm dizimpenn mill-intimata ta’ dak l-oneru nkombenti fuqha bl-Artikolu 1134 Kodici Civili li turi, ghallanqas fejn jikkoncerna lilha, li hi pprestat l-attenzjoni u l-kura mehtiega fl-interess tar-

rikorrenti u ma kellhiex tkun imputabbli ghal qaghda sopraggunta bl-iskoppjar ta’ l-uragan wara li r-rikorrenti kienu gja jinsabu fi triqithom ghad-destinazzjoni maghzula. Ghaliha certament dak l-event kien wiehed imprevidibbli u inevitabbli u mhux dipendenti minn xi att jew ommissjoni kolpuza precedenti taghha, f’ liema kaz kellu jservi bahla prova liberatorja mir-responsabilita`.

Ghal dawn il-motivi u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet kollha premessi l-Qorti tiddeciedi billi tilqa’ l-appell domandanti r-revoka tad-decizjoni appellata fil-konfront ta’ l-appellanti u zzommha ferm fil-konfront tas-socjeta` kjamata fil-kawza anke ghaliex din ma ntroduciet ebda appell minnha. Fic-cirkostanzi l-Qorti thoss li huwa gust u xieraq illi l-ispejjez relattivi in kwantu jikkoncernaw lill-partijiet f’ din il-procedura jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------